32005X1214(01)

14.12.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 327/19

**Informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet mir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika ta' l-Ungerija dwar l-aċċettazzjoni tagħhom tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex jagħti sentenzi preliminari dwar l-atti msemmija fl-Artikolu 35 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**

Ir-Repubblika Franċiża ddikjarat li taċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej f'konformità ma' l-arranġamenti stipulati fl-Artikolu 35(2) u (3)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Ir-Repubblika ta' l-Ungerija ddikjarat li taċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej b'konformità ma' l-arranġamenti stipulati fl-Artikolu 35(2) u (3)(a) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, l-istat tad-dikjarazzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti sentenzi preliminari dwar il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti msemmija fl-Artikolu 35 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea hu kif ġej:

— ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika ta' l-Ungerija ddikjaraw li jaċċettaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej f'konformità ma' l-arranġamenti stipulati fl-Artikolu 35(2) u (3)(a) ([1]),

— ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiza, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja ddikjaraw li jaċċettaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej b'konformità ma' l-arranġamenti stipulati fl-Artikolu 35(2) u (3)(b) ([2]),

— meta għamlu d-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiza, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika ta' l-Awstrija rriservaw id-dritt li jagħmlu dispożizzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom li meta kwistjoni dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' atti msemmija fl-Artikolu 35(1) huma mqajma f'każ li jkun qiegħed quddiem qorti jew tribunal nazzjonali kontra d-deċiżjonijiet tagħhom m'hemmx remedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal huma obbligati jressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

---

([1]) Notifika tad-dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja ġiet ippublikata fil-ĠU L 114 ta' l-1.5.1999, p. 56 u ĠU C 120 ta' l-1.5.1999, p. 24.

([2]) Id-dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka ġiet ippublikata fil-ĠU L 236 tat-23.9.2003, p. 980. Notifika tad-dikjarazzjoni mill-Istati Membri l-oħra msemmija, bl-eċċezzjoni tar- Repubblika Franċiża, ġiet ippubblikata fil-ĠU L 114 ta' l-1.5.1999, p. 56 u ĠU C 120 ta' l-1.5.1999, p. 24